**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU 2002**

**Avviz Numru 888/02 AJD**
**Francis Zahra**

**vs**

**Alan Saliba**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April 2002 fejn l-attur tala li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' hames mija, sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm597.53) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-21 ta' Dicembru 2001, fi Triq Sant'Andrija, Swieqi meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni FAP 279 huwa habat mal-vettura tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni BAD 373.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Jannar 2002 u l-ittra gudizzjarja tal-20 ta' Marzu 2002 u bl-imghax legali pagabbli mill-21 ta' Dicembru 2001 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort tal-attur li saq minn fuq 'traffic lights' meta d-dawl kien ahmar u b'hekk habat mal-vettura tal-konvenut li dak il-hin kienet qed tinsaq regolarment minnhu.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Domnic Aguis u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Dicembru 2001, fi Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAD 373 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAP 279 misjuqa mill-konvenut Alan Saliba. L-incident sehh fl-inkrocju fejn hemm it-'traffic lights' biswit id-dahla ghal Pembroke. L-attur kien qed jipprocedi f'St'Andrews Road u sejjer fid-direzzjoni ta' San Giljan filwaqt li l-konvenut kien hiereg minn Pembroke u ried idur ghad-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Iz-zewg sewwieqa t-tnejn xehdu li d-dawl kien ahdar fil-konfronti taghhom u ghalhekk huma setghu jipprocedu.

Illi l-attur xehed li malli wasal biswit it-'traffic lights' li hemm fl-inkrocju, harget il-vettura tal-konvenut minn Pembroke u dahlet fil-genb tan-

naha tal-passiggier tal-vettura tieghu. Il-verzjoni li ta l-attur hija korroborata mill-passiggier li kien fil-vettura tal-attur, certu Domniic Aguis. Dan ix-xhud ikkonferma li l-'lights' kiienu hodor fil-konfront tal-vettura li fiha kien passiggier u li huwa ra l-vettura tal-konvenut hierga mit-triq ta' Pembroke u li din il-vettura baqghet diehla fil-gemb tal-vettura tal-attur, man-naha tal-passiggier.

Illi l-konvenut xehed li huwa kien hiereg mit-triq ta' Pembroke, ried idur lejn Bahar ic-Caghaq,id-dawl kien ahdar, kien hemm zewg vetturi quddiemu li t-tnejn hargu  u ghalhekk huwa wkoll proceda biex johrog f'St'Andrews Road. Malli ghamel hekk, giet vettura mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq u sejra fid-direzzjoni ta' San Giljan li habtet mal-vettura tal-konvenut. L-istess konvenut xehed li wara li nizlu mill-karozzi, l-attur kien qallu li d-dawl kien qed jaqleb fil-konfronti tieghu.

Illi f'kazijiet bhal dawn tinghata hafna mportanza lil kredibilita' stante li certament wiehed miz-zewg sewwieqa proceda meta d-dawl jew kien ahmar jew inkella qed jaqleb. Fil-kaz odjern, inoltre, ma sarx skizz u ghalhekk it-Tribunal irid jistrieh esklussivament fuq dak li qalu l-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti. F'dan il-kaz, it-Tribunal huwa aktar propens li jemmen lill-attur u dan mhux biss ghaliex ix-xhieda tieghu hija kooroborata minn xhud iehor, u cioe' Domnic Aguis, imma anki ghaliex li filwaqt li l-verzjoni tal-attur moghtija 'viva voce' quddiem it-Tribunal hija identika ghall-verzjoni li huwa ta 'a tempo vergine' lis-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz u li tinsab riportata fir-'Road Accident Report', il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija daqxejn differenti fis-sens li 'a tempo vergine' huwa naqas milli jghid lis-

surgent li l-attur kien qallu li d-dawl kien qed jaqleb fil-konfronti tieghu u li kien hemm zewg vetturi li hargu quddiemu, kif ghamel meta xehed fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2002. Inoltre l-hsara fiz-zewg vetturi tindika li kien il-konvenut li dahal fil-vettura tal-attur, ghaliex id-daqqa fl-vettura tal-konvenut hija frontali ( front bonnett, front left and right headlamps, indicator, front bumper) filwaqt li d-daqqa fil-vettura tal-attur hija mal-genb, man-naha tal-passiggier ( front and rear left doors).

Illi inoltre, l-konvenut kien qed jipprocedi minn triq sekondarja ghal fuq triq principali filwaqt li l-attur kien qed jipprocedi fuq it-triq principali u t-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut xorta kellu l-obbligu li jieqaf u jaccerta ruhu li seta' jipprocedi ghal fuq it-triq principali qabel ma johrog, indipendentement mill-fatt jekk id-dawl kienx ahdar o meno. Mix-xhieda tieghu jidher li huwa effettivament naqas li jaghmel dan u ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li huwa ghandu jigi akkollat bir-responsabilita' kollha ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'  hames mija, sebgha u disghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm597.53) bl-imghaxijiet pagabbli mill-20 ta' Marzu 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-20 ta' Marzu 2002, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**